MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 596/1994/1

**Dottor John J. Cassar LL.D. ghan-nom u in rapprezentanza ta' Forestals (Appliances) Limited**

**Vs**

**Bernard Michel**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta' mitejn u sittin lira li ghall-fini ta' kompetenza qed jitnaqqsu ghall-mitejn u hamsin lira (Lm250), liema somma tirraprezenta dazju mhallas mill-attur nomine fuq oggetti mibjugha lill-konvenut u li ghall-liema oggetti il-konvenut haseb li ghandu xi ezenzjoni mill-hlas tal-istess dazju.

Din l-ezenzjoni ma irrizultatx u ghalhekk l-istess dazju kellu bilfors jithallas mill-attur nomine.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid numru 681/94. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha eccepixxa reverentement:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur nomine stante li l-eccipjent hallas il-prezz kollu miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta’ kompro-vendita bejniethom.

2. Salvi eccezzonijiet ohra.

Rat l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa mill-konvenut waqt is-seduta tal-20 ta’ Ottubu 1994 (fol 10 ibid) u li permezz taghha giet eccepita l-preskrizzjoni ta’ din l-azzjoni a basi tal-artikoli 2148(b) tal-Kodici Civili.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, mill-atti, jidher li gew prodotti provi kemm in rigward l-eccezzjoni preliminari kif proposta, kemm in rigward il-meritu. Difatti, kif jidher ukoll minn noti sottomessi mill-partijiet (fol 95 u fol 98 rispettivament) kemm l-atturi nomine kemm il-konvenut ghamlu l-istess u ghalhekk kemm l-istess eccezzjoni kemm il-meritu ser jigu deciza f’kazijiet separati u skond kif stipulat mill-ligi tal-procedura.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu gja citat jistipula illi l-azzjonijiet ta’ kreditu ghall-prezz ta’ merkanzija oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugh bl-imnut (‘by retail’) huma preskritti bl-

gheluq ta' tmintax il-xahar. Kif risultanti mid-dokument a fol 11 tal-atti ossija l-ftehim ta' bejgh-xiri bejn il-partijiet involuti f'dan il-kaz; l-attar nomine kien biegh lill-konvenut l-oggetti hemm elenkati bil-prezz kif miftiehem. L-istess ftehim, iffirmat mill-partijiet fuq in-naha ta' wara, kien sar fit-12 ta' Dicembru 1991, kellu diversi kondizzjonjiet fosthom li l-prezz tal-istess oggetti kellu jithallas kwantu ghal mitejn lira Maltin (Lm200) pagabbli fuq l-istess ftehim, kif jidher li effettivament sar skond ircevuta numru 56333, kwantu ghall-bilanc specifikat bhala Lm800, mal-konsenja tal-istess oggetti. Dwar dan l-ahhar punt, li hu rilevanti minhabba dak li jinghad fl-artikolu 2134 tal-Kodici Civili, l-attur meta xehed (fol 12 et seq ibid) qal li l-konsenja tal-istess oggetti lill-konvenut kienet saret jumejn wara in vista li dawn kienu 'in stock'. A fol 19 tal-atti jinsab 'statement of account' esebit mill-attur nomine permezz ta' nota u li minnu jirrisulta illi, effettivament il-konvenut kien dam sabiex jhallas il-bilanc dovut, liema hlas skond kif miftiehem kellu jsir mal-konsenja tal-istess oggetti. Mill-istess dokument jidher ukoll li l-ahhar pagament akkont kien gie effettwat mill-konvenut fit-18 ta' Novembru 1992 (ara ukoll ix-xhieda ta' Rene' Aquilina a fol 26 tal-atti). Wara dan il-pagament, l-attur nomine qed jallega illi ghad hemm bilanc dovut mill-konvenut u ammontanti ghal Lm260 (ara pero' l-avviz in esami). Dwar dan l-ammont, l-attur xehed (a fol 13 ibid) illi fis-7 ta' April 1994 kien gie presentat mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-konvenut (mandat numru 681/94). Dan jidher li kien l-ewwel att gudizzjarju li gie presentat kontra l-konvenut in konnessjoni ma dan il-kaz.(ara l-artikolu 2128 tal-Kodici Civili). Jigi notat li bejn id-data tal-ahhar pagament effettwat mill-konvenut cjoe t-18 ta' Novembru 1992 u d-data tal-presentanta tal-istess mandat, ma kienux skadew tmintax-il xahar u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari in esami ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-meritu, mill-istess ftehim imsemmi u esebit a fol 11 tal-atti, jidher li filfatt il-prezz globali, miftiehem bejn il-partijiet u b'referenza ghall-oggetti hemm elenkati u mibjugha lill-konvenut, kien ta' Lm1376. Pero is-socjeta

kummercjali kienet ikkoncediet skont, fil-prezz miftiehem ta’ Lm128 kif ukoll dak imnizzel bhala ‘D(uty) Free 18%” ammontati ghal Lm248, dawn tal-ahhar il-kontenjuz f’dan il-kaz. In rigward dan, gie spjegat mill-<u>attur</u> (fol 12 u fol 30 et seq ibid), <u>Etienne Borg Cardona</u> (fol 20 u fol 28 et seq ibid) u minn <u>Rene Aquilina</u> (fol 25 et seq ibid) illi l-istess konvenut, li kien jiggestixxi kumpanija ‘off shore’ hawn Malta, kien informa lill-attur nomine illi hu kien intitolat jimporta oggetti mobili f’Malta esenti minn dazju. Pero meta kienet saret it-talba lid-Dipartiment tad-Dwana, din ma gietx milqugha in vista li l-Awtorita kompetenti in materja, kienet informat lill-istess Dipartiment illi l-konvenut ma kienx intitolat, personalment (‘bhala personal freight) ghal din l-esenzjoni. Meta l-istess talba kienet giet rifjutata, l-konvenut kien gie informat b’dan u li “….. id-duty free reduction’ trid tigi irriversjata’. Difatti kif xehed Etienne Borg Cardona, id-dazju fuq oggetti fl-istabilment tas-socjeta attrici, ikun di gja thallas.

Illi <u>l-konvenut</u> jsostni li, fuq il-kopja tal-ftehim moghtija lilu (ara fol 37 tal-atti), ma kinex hemm imnizzlin il-kliem “duty free” u b’hekk l-istess kliem zdiedu wara. Pero minn esami tal-istess kopja, li ma tantx hi cara u dicifrabbli, hemm indikati, bi vlegga fil-vicin l-istess kliem li jinsabu fuq l-original a fol 11 cjoe ‘less D’Free 18%’. Minhabba hekk, il-Qorti tara li, fuq dan il-punt hekk sinifikattiv, il-konvenut ma qalx il-verita.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher evidenti illi:

a) Il-prezz totali, miftiehem, bejn l-attur nomine u l-konvenut kien ta’ Lm1376 bi skont ta’ Lm128 cjoe Lm1248. Minn dan il-prezz, il-konvenut hallas ‘ex admisses’ Lm1000 minhabba li hu jikkontendi illi kien akkwista l-istess oggetti konsenjati lilu, esenti minn dazju.
b) Pero tali esenzjoni ma kienitx milqugha mill-Awtorita kompetenti.
c) Il-Qorti hi tal-fehma li l-iskont moghti in rigward id-dazju kien <u>soggett ghal kondizzjoni</u> tacita li l-imsemmija esenzjoni tigi koncessa lill-konvenut.

Illi, ghalhekk la darba tali esenzjoni ma gietx koncessa, dan l-'iskont' ma setax jkun operattiv u b'hekk, l-attur nomine hu intitolat li jithallas l-ammont ta' Lm248 (ara f'dan ir-rigward l-artikoli 1052 u 1063 tal-Kodici Civili)

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm248 bl-imghax legali mis-7 ta' April 1994 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 681/94 prezentat fis-7 ta' April 1994.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------